MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2009

Numru. 12/2009

**Il-Pulizija**
**Sp Johann J Fenech**
**vs**
**Jake Abdilla**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Jake Abdilla ta’ 18-il sena iben Brian u Anna Maria nee’ Gough mwieled Pieta fil-15 ta’ Gunju 1989 u residenti 106 ‘Barbican’ Triq Patri Indri Vella Pembroke, ID295689M.**

**Akkuza talli fl-1 ta’ Gunju 2008 u matul it-tliet xhur ta’ qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat ghal din l-imputazzjoni u ghal daqstant l-imputazzjoni giet ppruvata skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat it-Taqsimijiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939 ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu izda flok qed tikkundannah qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien sena millum.**

**Il-Qorti spjegat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputat fi kliem semplici.**

**Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------